MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 117/2008

**Michael Attard Limited**
**(C 32362)**

**Vs**

**Charles Agius**
**(I.D. 581162M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u tlieta u hamsin euro u sebghin centezmu (€553.70) rapprezentanti import ta' hames kambjali skaduti. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Numru 270/08 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 273/08, u bl-imghax legali mid-data tar-rispettivi

skadenzi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza, fosthom il-hames kambjalijiet meritu tal-proceduri ezebiti permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' April, 2009.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tlieta u hamsin euro u sebghin centezmu (€553.70), bl-imghax mid-dati tar-rispettivi skadenzi tal-kambjalijiet sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Numru 270/08 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 273/08, huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------